**5.—Xi Verbi tal-tieni forma li għandhom it-tieni konsonanti i jew w doppja huma mnisslin minn nomi :—**

*kewwes* minn *kus*; *żewweġ* minn *żewġ*; *kejjel* minn *kejl*; *newwel* minn *newl*; *għawweġ* minn *għawġ*; *dewwed* minn *dud*; *rejjex* minn *rix*; *ġewweż* minn *ġewż*; *bejjet* minn *bejt* jew *bejta*; *sawwat* minn *sawt*. *għajjen* minn *għajn*;

**6.—Qwiel tal-Biedja**

San Mark ix-xita nar fl-art.
Mejju mirjieħ bid-deni stennieh.
Għal Mejju aħsad imqar kien plejju.
Mejju jġib il-minġel, il-kabozza u l-kappell.
Mejju ħobża u sikkina għax kull ġid jagħtina.
Dak li jagħqad sa San Mikiel jidħol fil-miżien.
Frar fawwar jimla l-ġwiebi u l-ibjar.
Għal San Mikiel lesti l-kandlier.
Sal-Milied la bard u lanqas ksieħ.
Marzu Marzellu ħarqet il-moxt u r-rixtellu.
Ħruġ Marzu u dħul April ix-xita karru deheb fin.
Xemx u xita Alla jaf meta.
Il-qamar jiekol kollox.
Beraq ilhiħ jew xita jew riħ.

(*Jissokta*)

## KRONAKA TAL "GĦAQDA"

Il-ġurnal Kanadiż, il-"Windsor Daily Star", tas-17 ta' Lulju 1952, taħt it-titlu "Maltese Poet Translates Song", iħabbar illi l-innu patrijottiku "O Canada" ġie maqlub għall-Malti minn Dun Frans Camilleri, biex jidħol fil-ktieb ta' Ġorġ Bonavia fuq il-Kanada.

Fit-30 ta' Awissu tas-sena li għaddiet l-istess ġurnal kien ġieb l-aħbar illi l-Maltin ta' Windsor (fil-Kanada), fejn hemm mal-400 Malti, flimkien mal-Maltin imxerrdin mad-dinja kollha sejrin jikkommemoraw iż-żewġ assedji, dak ta' l-1565 u dak ta' l-aħħar gwerra. Il-korrispondent (li hu l-ħabrieki Ġorġ Bonavia — ir-rappreżentant tal-"Għaqda"), ifisser x'kienu dawn iż-żewġ assedji li Malta kellha tgħaddi minnhom u jagħlaq biex igħid illi l-kuraġġ tal-Malti f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet kien serva biex salva ċ-Ċiviltà Nisranija u l-Ewropa minn taħt il-madmad tal-Mawmettani.



# Reċensjonijiet

**"IL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK SAVERJU"** — Ta' Karm. Fenech, S.J. — Malta, Giov. Muscat—1953. Paġ. 70.

San Franġisk Saverju hu l-Qaddis għażiż b'mod speċjali għalina l-Insara, għax hu kien kampjun tar-reliġjon tagħna, xerridha f'pajjiżi mbegħdin, kiseb ġieħ u qima lejn il-Fidi tagħna u għolla isimha bħala Nsara fost l-infidili u l-pagani. San Franġisk Saverju hu wieħed mill-Qaddisin l-aktar popolari, ismu magħruf fl-erbat irjieħ tad-dinja, il-ħidma tiegħu swiet ta' ġid mhux biss għax xerrdet it-tagħlim ta' Kristu, iżda wkoll wasslet iċ-ċiviltà Ewropea fl-artijiet tal-Lvant Imbiegħed u b'riħet hekk potenzi Ewropej ferrxu s-setgħa tagħhom f'artijiet ġodda u akkwistaw ġid, influwenza u territorji f'pajjiżi oħrajn.

Ktieb fuq il-ħajja ta' dan il-Qaddis ma jonqosx li jogħġob lill-qarrejja devoti u intelliġenti, l-aktar meta jkun miktub bil-ħeġġa u bil-ħrara bħalma hu dan il-ktieb li qegħdin insemmu, għax l-awtur, il-Ġiżwita Karm. Fenech, jidher li ndaħal għal din il-biċċa xogħol imqanqal mhux biss mix-xewqa li jagħmel il-ġid lill-qarrejja, imma wkoll mill-ammirazzjoni kbira li għandu lejn Franġisku Saverju, kap u missier spiritwali tiegħu.

Aħna sibna dan il-ktieb interessanti għal bosta raġunijiet: l-ewwelnett għall-ammirazzjoni qawwija u devozzjoni mħeġġa ta' l-awtur lejn is-suġġett, imbagħad għas-siwi bijografiku u għat-tagħrif dwar il-ħajja u ż-żmien tal-perijodu msemmi. Il-Ġiżwiti kollha, u bir-raġun, għandhom għożża kbira lejn San Franġisk Saverju, sieħeb il-Fundatur ta' l-Ordni tagħhom u ġieħ u żina ta' dak l-Ordni, u r-Rev. Fenech ma naqasx li jagħti ħjiel tax-xrar ta' l-imħabba li dlonk iħeġġeġ fost il-Ġiżwiti lejn dan il-Qaddis kbir tagħhom. L-awtur ma ntilefx f'irqaqat u ġrajjiet żgħar li ma jqanqlu l-ebda ħeġġa, iżda semma fil-qosor u bla tlellix episodji u ġrajjiet mill-ħajja ta' Saverju, li nisslu u fasslu xejriet u drawwiet ġodda fil-ħajja u fil-ħsieb ta' popli u nazzjonijiet. L-avventuri ta' dan il-Qaddis huma tassew tal-għaġeb u jfakkru dawk ta' vjaġġaturi u esploraturi li l-lum isimhom inkiteb fl-istorja tad-dinja. Xi wħud mill-ġrajjiet huma tassew tal-għaġeb: il-granċ li jrodd is-salib li San Franġisk Saverju kien tilef fil-baħar, l-aħbar tar-rebħa fuq is-Sultan ta' Aċin, u oħrajn bħalhom huma ġrajjiet kurjużi imma veri.

Dan il-ktieb mhux biss jagħti gost lil min jaqrah, iżda jgħallem ukoll u fih ħjiel storiku u soċjali. Imżewwaq b'ħafna stampi sbieħ, miktub tajjeb, bi stil mexxej rakkontativ, f'dan il-ktieb wieħed isib fejn jixxiegħel u jgħaddi ż-żmien bi profitt. Iż-żgħażagħ kollha jmisshom jaqrawh għax il-ħajja ta' San Franġisk Saverju fiha messaġġ speċjali lill-qlub mimlijin ħeġġa u ħrara u mxewqin għal ġrajjiet kbar.

G.

**"MADWAR IL-ĦAJJA"** — L-ewwel Ġabra ta' Xandir lill-Poplu ta' G. Aquilina. — Lux Press.—1953; pp. 112.

Fost it-taħditiet bil-Malti li s'issa smajna minn fuq ir-*radio* u li s'issa nkitbu, it-taħditiet li l-Professur G. Aquilina kien għamel minn fuq ir-*radio* minn Diċembru ta' l-1947 sa Ottubru ta' l-1952 u li issa ħareġ miġ-